# 80. Xewqiet ta’ Dejjem

Is-siġra tal-lanġas
tagħmel tirabutira,
u f’din il-frotta ċkejkna
hemm xewqa kbira, kbira,

Xewqa li fil-ħarifa
taqa’, tmut, tgħib taħt l-art,
u tnibbet fir-rebbiegħa
siġra biż-żahar u l-ward,

U jiġu ġewwa fiha
mid-difa tas-smewwiet
l-għasafar qalb il-friegħi,
jgħannu, jibnu l-bejtiet.

Fil-qafas ta’ ġo sidri
hawn qalb imdejqa, fqira,
u f’din il-qalb ċkejkuna
ukoll hemm xewqa kbira,

Xewqa li tgħix għal dejjem,
mingħajr tibdil u tmiem,
mingħajr tfixkil ta’ ġisem,
fil-ferħ, fis-serħ, fis-sliem.

Min jaf jekk din ix-xewqa,
meta ngħib jien taħt l-art,
hix sejra bħaż-żerriegħa
tnibbet siġra bil-ward

F’rebbiegħa u dawl ta’ dejjem?
u qalb iż-żahar bajdan
min jaf jiġux ibejtu
miljun anġlu ferħan?